





# Ħaż-Żebbuġ fl-isfond tal-Kavallieri

**minn Chev. Mario M. Attard OBSS**



***Is-salib ta' tmien ponot***

Sew qabel is-seklu 1300, Ħal Muxi, Ħal Dwin u Ħal Mula kienu ilhom jeżistu bħala rħula żgħar li kienu jafu l-oriġini tagħhom minn żmien il-ħakma Għarbija f'Malta. Madwar is-sena 1380, dawn it-tliet irħula ngħaqdu fl-imkien bħala raħal wieħed li jġib l-isem ta' Ħaż-Żebbuġ. Kien fl-istess żmien li nbniet il-Knisja dedikata lil San Filippu ta' Aġira.

Dawn l-irħula ħadu l-isem ta' Ħaż-Żebbuġ minħabba l-fatt li fil-lokalità ta' madwar il-Knisja u 'l hinn minnha, kienu jeżistu msaġar taż-żebbuġ li kienu propjetà ta' Filippu ta' Katanja.

F'dan ir-raħal instabu wkoll oqbra Puniċi u Feniċi u anka xi raddi tal-karettuni (*cart ruts*). Huwa magħruf li kien Filippu l-Kataniż (Filippo de Catania) minn Sqallija, li ta l-art u flus biex inbniet l-ewwel knisja madwar is-sena 1380. B'riħet hekk ingħaqdu t-tlett irħula f'wieħed. Dan Filippu kien ġej minn familja nobbli. Huwa kien iżżewweġ għand familja nobbli Maltija u kien negozjant kbir.

Il-Knisja li ġiet iddedikata lil San Filippu (skont ix-xewqa Filippu) kienet damet ma saret Parroċċa minħabba li r-raħal kien ftit limitat fil-kobor tiegħu u kien qrib l-Mdina, biss il-knisja kienet ġa saret parroċċa qabel is-sena 1436 billi kienet imsemmija mill-Isqof Senatore de Mello bħala waħda mit-tnax il-parroċċi f'Malta.

Ftit sekli wara, fit-12 ta' Novembru 1775, laħaq Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann, Francois Marie de Nieges Emanuel de Rohan Puldoc, fl-età ta' 50 sena. Il-Maltin ferħu ħafna għal din l-għażla għax kien magħdud bħala bniedem ġust. Il-ferħ ma naqasx ukoll minn naħa tal-Kavallieri Franċiżi. Sar Gran Mastru tal-Ordni, sewwasew 3 ijiem wara l-mewt tal-Gran Mastru Francesco Ximenes de Texada.

Dan il-Gran Mastru xejn ma kien maħbub minħabba l-mod li mexa bih mal-poplu, speċjalment wara r-rewwixta tal-qassisin, immexxija minn Don Gejtano Mannarino. Minn fost dawk li nqabdu, kien hemm min ġie eżiljat, min inqatel (qatawlhom rashom u l-irjus tpoġġew mas-swar tal-belt biex jarhom kulħadd, u min spiċċa l-ħabs). Don Mannarino ġie meħlus mill-ħabs minn Napuljun.

Barra minn hekk, il-poplu kien jinsab fi stat ta' faqar kbir minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja xejn tajba tal-Ordni.

## De Rohan Granmastru maħbub

Minħabba f'din is-sitwazzjoni, il-Gran Mastru l-ġdid De Rohan, ħa numru ta' miżuri. Hu nkoraġġixxa n-negozju permezz ta' miżuri, li waħda minnhom kienet li jittrasforma xi xwieni tal-Ordni, minn flotta tal-gwerra u piraterija, għal kummerċ. Sejjaħ il-Kapitlu Ġeneral tal-Ordni, l-ewwel darba mill-1631. Xi miżuri oħra tajbin kienu r-roħs fil-prezz tal-qamħ f'Diċembru 1775 u kien lest li jagħmel tajjeb hu għat-telf tal-Massa Frumenteria; ħareġ liċenzji lin-negozjanti għall-importazzjoni b'nuqqas fil-ħlas tat-taxxa fuq il-qliegħ billi dan kien qed iġib kummerċ tajjeb ma' diversi pajjiżi. Sar titjib fir-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet tal-Ordni u dawk ekklesjastiċi. B'atti ta' ħniena u karità mal-poplu inġenerali, l-Gran Mastru de Rohan sar maħbub u rispettat mill-poplu kollu. Kien jitħallat ħafna man-nies.


*Skultura bl-emblema ta' De Rohan*

Jingħad li fis-sena 1776, bħala parti minn din il-politika tiegħu, żar ir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ għall-festa ta' San Filep. Il-Kappillan Dun Feliċ Borg, f'ismu u f'isem iż-Żebbuġin, għamel rikors lill-Gran Mastru biex Ħaż-Żebbuġ jingħata l-ġieħ ta' belt, bit-titolu 'Belt Rohan'. X'uħud mir-raġunijiet li ngħataw kienu li l-popolazzjoni kienet tlaħħaq 'il fuq minn 4000 ruħ, il-poplu kien mill-aħjar, l-arja tajba li jgawdi r-raħal, u li kien hemm ix-xewqa li jinbena sptar. Jingħad ukoll li din it-talba biex Ħaż-Żebbuġ jgħola għat-titlu u ġieħ ta' belt, kienet ukoll saret xi ħamsin sena qabel lill-Gran Mastru Portuġiż Manoel de Vilhena mal-wasla tar-relikwa tal-Qaddis Patrun tar-raħal, San Filep t'Aġira. Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Ġiovanni Battista Sagnani ma kienx favur dik it-talba.

Din it-talba ġiet milqugħa, b'diġriet maħruġ fil-21 ta' Ġunju tas-sena 1777. Ħaż-Żebbuġ ħa t-titolu ta' Belt Rohan. B'hekk Ħaż-Żebbuġ kien sar it-tieni belt rurali f'Malta. Wara l-Belt Valletta u l-belt tal-Mdina, il-belt ta' Ħaż-Żebbuġ kienet waħda mill-ibliet ewlenin u importanti, speċjalment minħabba l-industrija tal-qoton, u xi korsari li kienu jgħixu hemm.

Biex jiġi mfakkar dan l-avveniment, iż-Żebbuġin kienu ntrabtu li jibnu żewġ arkati trijunfali, iżda kienu nqalgħu xi diffikultajiet li żammew lura l-bini ta' dan il-proġett. Il-Gran Mastru de Rohan miet fit-13 ta' Lulju 1797, f'età ta' 72 sena. Kien is-27 Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann minn meta l-Gran Mastru Fra Phillipe Villiers de l'Isle Adam ġie Malta fil-1530 wara l-waqgħa ta' Rodi f'idejn it-Torok, kif ukoll is-70 Gran Mastru mit-twaqqif tal-Ordni.

Il-mewt tal-Gran Mastru De Rohan qanqlet fil-qlub taż-Żebbuġin, dik it-turija kbira ta' rispett u rikonoxximent u xejn ma naqqas l-isforzi biex tinżamm dik il-wegħda li kienu ntrabtu biha ż-Żebbuġin fil-1777: dik tal-bini taż-żewġ arkati trijonfali (il-bieb fid-daħla tal-belt). Miż-żewġ arkati li kellhom jinbnew, waħda biss tlestiet u din ġiet inawgurata mis-suċċessur tal-Gran Mastru De Rohan, Fra Ferdinando Von Hompesh zu Bolheim, elett Gran Mastru

fis-17 ta' Lulju 1797 li kien it-28 u l-aħħar Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta.

Iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni ta' din l-arkata saret f'jum San Filep, fit-12 ta' Mejju 1798, meta l-Gran Mastru De Rohan kien ilu mejjet qrib sena. Dawn iż-żewġ Gran Mastri, de Rohan u Von Hompesh, kienu membri fil-loġġa tal-Mażuni minkejja li l-Papa kien ħareġ numru ta' brevi dwar il-projbizzjoni fil-Mażunerija.



***Dettall mill-funtana ta' Pjazza San Ġorġ Valletta***

Il-ġbir tal-flus għal din il-binja sar mir-residenti Żebbuġin u donazzjoni mill-Knisja. L-arkata hija mibnija fuq stil Griek u Neo Klassiku, fuq disinn tal-bennej Ġiuseppi Xerri. Belt oħra biss f'pajjiżna għanda arkata trijonfali, dik ta' Ħaż-Żabbar. Ġiet mgħotija t-titlu ta' Belt "Gratiosa Citta Hompesh" fil-14 ta' Settembru 1797. L-inawgurazzjoni tal-arkata tal-Belt Rohan (ħafna jafuha bħala l-bieb il-ġdid) saret ġimgħat qabel ma l-Gran Mastru Hompesh ġie mkeċċi minn Malta fis-sagħtejn ta' filgħodu ta' nhar it-18 ta' Ġunju 1798 u anki ġie mneżża mill-unuri kollha mit-Tsar tar-Russja Pawlu 1 Petrovich, minn Napuljun li kien invada l-gżira ta' Malta.

Liz-Tsar Pawlu 1, il-Gran Mastru Hompesh u l-Kunsill tal-Ordna, kienu tawh it-titlu ta' Protettur tal-Ordni fis-7 ta' Awwissu 1797 (dan kien magħżul Gran Mastru ġdid minn xi kavallieri, ħaġa li ma setatx issir għal diversi raġunijet apparti l-fatt li l-Papa Piu VII qatt ma rrikonoxxa l-ħatra tiegħu, u kien assassinat fil-1801 minn numru ta' uffiċjali Russi mejgħuna minn ibnu stess Alessandu[1].

Il-Gran Mastru Ferdinando Von Hompesh abdika, mar Trieste, u fl-aħħar spiċċa f'Montpellier f'Novembru 1804, fejn għex l-aħħar snin ta' ħajtu fil-faqar. Baqa' qalbu ħanina sal-aħħar. Miet wara attakk tal-ażżma fl-età ta' 61 sena, fit-12 ta' Mejju 1805.

Fl-aħħarnet, wieħed ma jridx jinsa li l-isptar li kien issemma fir-rikors tal-1777 kien inbena u ġie inawgurat nhar id-19 ta' Marzu 1794. L-isptar u l-kappella tiegħu ġew iddedikati lil San Ġużepp. L-Isqof Labini kien offra flus għall-isptar, u għamlu l-istess xi benefatturi oħra, billi l-isptar inbena b'ħafna ġbir ta' flus u xogħol bla ħlas.

Dan l-isptar jinsab f'Misraħ l-Isptar, li jiġi wara l-Knisja Parrokjali. Dan il-bini sabiħ illum jintuża bħala Uffiċju Parrokkjali bl-isem "Dar San Ġużepp". Kien l-istess Isqof, li filgħodu tas-17 ta' Jannar 1799, kien żar lil Dun Mikiel Xerri u sħabu li kienu arrestati fil-ħabs ġewwa Sant'Iermu qabel ma dawn ittieħdu fil-pjazza tal-Palazz, il-Belt fejn ġew iffuċillati minn platun ta' suldati Franċiżi, għax kienu inqabdu f'rewwixta kontra l-Franċiżi.

Dun Mikiel Xerri, wieħed mill-patrijotti Maltin kellu 61 sena meta ġie iffuċillat. Huwa kien twieled fid-29 ta' Settembru 1737 f'Ħaż-Żebbuġ. Ġie mgħammed Mikiel Archangelus Joseph fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ fit-30 ta' Settembru 1737. Trabba ġo familja eżemplari, Missieru u Ommu kien jisimhom Bartholomew u Anna. Studja f'diversi universitajiet fl-Ewropa u kien Religus u politiku.





BANDA SAN FILEP A.D.1851

Minkejja t-tbatija li l-poplu ta' Ħaż-Żebbuġ għadda minnha, mal-milja taż-żminijiet, din il-belt tibqa' magħrufa għall-istorja tagħha u l-post fejn twieldu nies kbar li jagħmlu unur lill-istorja u l-kultura ta' pajjiżna.

**Referenzi:**

Vertot, Monsignor l'Abbe de. (1757), The history of the Knights Hospitallers of St. John of Jerusalem: styled afterwards, the Knights of Rhodes, and at present, the Knights of Malta, R. Fleming, Edinburgh

Thomas Freller (2010), The Order of St John, Midsea books ltd., Malta

H. J. A. Sire (1993), The Knights of Malta, Yale University Press – New Haven and London, UK

Colonel,Thourot Pichel, History of the Sovereign Order of Saint John of Jerusalem Knights of Malta 1050-1957, Crux News Service, Publishers,USA

Ħaż-Żebbuġ.info, Is-sit ġie aċċessat it-30 ta' Lujlu 2016, URL: http://www.Ħaż-Żebbuġ.info/

Ħaż-Żebbuġ.info, Is-sit ġie aċċessat nhar it-2 ta' Awissu 2016, URL: http://www.Ħaż-Żebbuġ.com/storja_bidu_Żebbuġ.php

Wikipedia.orġ, Is-sit ġie aċċessat nhar it-3 ta' Awissu 2016, URL: http://mt.wikipedia.org/w/index.php?title=Ħaż-Żebbuġ&oldid=229676

Ringrazzjament lil Biblijoteka Nazzjonali tar-riċerka li għamilt

Ringrazzjament lil Danika u Vince Marmara li ġew joqgħodu Ħaż-Żebbuġ meta żżewwġu ftit snin ilu.

# Fatt Kurjuż....

**minn John Scerri**



Fuq l-iskrivanja fil-Palazz tal-Arċisqof fil-Belt Valletta hemm ritratt antik ġo gwarniċ tal-fidda li juri lil San Filep jiskonġra.

Din hija kopja iswed bl-abjad tal-pittura mill-isbaħ tal-pittur Żebbuġi Lazzru Pisani li hemm meqjuma fil-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara. Tgħid dan kif ġie hemm?